MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-22 ta' Jannar, 2014

Avviz Numru. 132/2013

**Olaf Zahra bhala mandatarju specjali tal-assenti minn Malta Stephanie Ceccato**

**vs**

**Minding International Ltd (C 28005)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ipprezentat minn Minding International Ltd u Gordon Bartoli ghan-nom ta’ Daniela Bartoli li ghandha r-rapprezentanza tas-socjeta’ Minding International Limited fir-Registru tal-Qorti nhar it-3 ta’ Mejju 2013 fejn ippremettew:

*1. “Illi fir-rikors promotur taghha, fil-kawza fl-ismijiet fuq premessi, l-attrici (issa ritrattata) talbet lil din il-Qorti tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta (issa ritrattandi) thallas is-somma bilancjali ta’ hdax-il elf, sitt mija u hamsa u erbghin ewro (€11,645), liema somma hija allegatament*

*dovuta lill-attrici ritrattata, in parti rapprezentanti arretrati ta' salarji, u in parti rapprezentanti spejjez ta' kors tal-MBA li s-socjeta' konvenuta ritrattandi allegatament weghdet li thallas lill-attrici ritrattata.*

*2. Illi fis-sentenza taghha tal-5 ta' Frar 2013 din il-Qorti ddecidiet billi laqghet it-talba tal-attrici u kkundannat lis-socjeta' konvenuta thallas lill-attrici s-somma ta' hdax-il elf, sitt mija u hamsa u erbghin ewro (€11,645), bl-imghaxijiet legali skond il-ligi u bl-ispejjez.*

*3. Illi jezistu f'dan il-kaz l-elementi kollha rikjesti mill-Ligi sabiex issir ritrattazzjoni tal-kawza fl-ismijiet fuq premessi, deciza b'sentenza ta' din il-Qorti tal-5 ta' Frar 2013 (Rikors Numru 247/2012), inkluz ir-raguni ai termini tas-sub-artikolu (b) tal-artikolu 811 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' dik li r-rikors ma giex notifikat lill-parti telliefa (is-socjeta' konvenuta rittrandi f'din il-kawza) liema parti lanqas ma dehret fis-smigh tal-kawza, u dana kollu kif jirrizulta b'mod car mill-fatti segwenti.*

*4. Illi jirrizulta mill-atti tal-imsemmija kawza li l-attur noe (issa ritrattat) ittenta jinnotifika lis-socjeta' intimate (issa ritrattandi) permezz tal-procedura tal-publikazzjoni u tal-affissjoni skont is-subartikolu (3) tal-artikolu 187 tal-Kapitolu 12. Dan jidher mir-rikors tal-attur noe pprezentat fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Novembru 2012, u mid-digriet sussegwenti moghti minn din il-Qorti fl-istess data.*

*5. Illi f'dan il-kaz partikolari n-notifika ma setghetx issir taht il-provvedimenti tal-imsemmi sub-artikolu (3), izda setghet biss issir taht il-provvedimenti tas-**subartikoli (4) et seq** tal-artikolu 187 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, u dan stante li l-imsemmija artikoli ghandhom japplikaw **'Fil-kaz ta' korp li jkollu personalita' guridika distinta'**.*

*6. Illi minkejja li s-sub-artikolu (3), li japplika fil-kaz ta' notifika lill-individwi, u s-sub-artikolu (5), li japplika f'kaz ta' notifika lil korp b'personalita' guridika distinta, jistabbilixxu proceduri li japplikaw f'kaz ta' riferta negattiva,*

*li huma simili hafna ghal xulxin, jezistu differenzi fil-kriterji li jridu jigu sodisfatti sabiex tapplika l-procedura li huma ferm relevanti, u senjatament illi taht is-subartikolu (5) il-Qorti tista' tordna li ssir in-notifika bil-procedura kif dedotta f'dak l-istess sub-artikolu, 'jekk jirrizulta li mill-inqas* ***xi hadd mill-persuni msemmija fl-artikolu 181A(2) jkun jinsab Malta****'. Meta dan ma jkunx il-kaz, is-sub-artikolu (6) tal-artikolu 187 jispecifika li* ***'Meta jirrizulta li l-persuni kollha msemmija fl-artikolu 181A(2) ma jkunux jinsabu Malta jew li dawk il-persuni ma jezistux, il-qorti ghandha tahtar kuratur li jidher ghal dak il-korp skont ma hemm provdut fl-artikolu 929(d)'***

*7. Illi fil-kawza li taghha qeghda tintalab ir-ritrattazzjoni, ma hemmx dubju li ma seta' qatt jirrizulta lil din il-Qorti, li xi hadd mill-persuni msemmija fl-artikolu 181A(2), u cioe' (i) persuna jew persuni li jkollhom ir-rapprezentanza guridika ta' dak il-korp jew (ii) kull segretarju tal-kumpanija jew (iii) kull persuna ohra li tkun awtorizzata bil-miktub minn dan il-korp, kien fil-fatt jinsab f'Malta, anzi l-Qorti setghet mill-atti tikkonkludi li l-persuna li kellha r-rapprezentanza tas-socjeta' intimata (issa ritrattandi), kienet fil-fatt qeghda barra minn Malta, u dana l-Qorti setghet tiddeducih mill-fatt illi l-ittri bonarji annessi mar-rikors promotur, datati s-sittax (16) ta' Dicembru 2011, it-tmienja u ghoxrin (28) ta' Frar 2012, u l-hdax (11) ta' Mejju 2012, immarkati rispettivament bhala 'Dok. B', 'Dok. C' u 'Dok. D', kienu mibghuta mill-attur noe (issa ritrattat) mhux biss fl-indirizz tal-ufficju registrat tas-socjeta' intimati (issa ritrattandi), izda wkoll* ***f'indirizz gewwa Franza****. Dan il-fatt certament jindika li l-persuna li seta' kellha r-rapprezentanza guridika tal-korp in kwistjoni kienet ordinarjament residenti barra minn Malta, u li dan il-fatt kien ukoll a konoxxenza tal-attur noe (issa ritrattat).*

*8. Illi stabbilit il-premess, kellu mbaghad japplika s-sub-artikolu (6) tal-artikolu 187 sabiex jigu mahtura kuratur biex jirraprezentaw lis-socjeta' konvenuta (issa ritrattandi) skond il-Ligi.*

*9. Illi ghar-ragunijiet fuq premessi n-notifika tas-socjeta' konvenuta ritrattandi, fil-kawza li taghha qeghda*

*tintalab ritrattazzjoni, bil-procedura tal-publikazzjoni u tal-affissjoni a tenur tas-subartikolu (3) tal-artikolu 187 tal-Kap. 12 hija nulla u bla effett, u s-socjeta' konvenuta rittrattandi ghalhekk qatt ma giet notifikata skond il-Ligi.*

*Ghaldaqstant, is-socjeta' ritrattandi, filwaqt li qeghda taghti l-garanzija rikjesta mil-ligi, titlob umilment lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha, ghar-ragunijiet premessi u ai termini tas-subartikolu (b) tal-Artikolu 811 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta:-*

*i. Thassar is-sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati tal-5 ta' Frar 2013, fl-ismijiet* ***Olaf Zahra bhala mandatarju specjali tal-assenti minn Malta Stephanie Ceccato vs Minding International Ltd (C 28005)*** *(Rikors Numru 247/2012); u*
*ii. Tordna r-ritrattazzjoni tal-istess kawza.*

*Bl-ispejjez kollha, u bl-imghax legali kontra r-ritrattat, minn issa ngunt in subizzjoni."*

Rat id-digriet taghha tas-6 ta' Mejju 2013 fejn din il-Qorti ordnat notifika ta' dan ir-rikors lill-intimat b'jumejn zmien ghar-risposta u appuntatu ghas-smiegh ghal nhar it-22 ta' Mejju 2013 fil-11.00a.m.

Rat il-verbal tat-22 ta' Mejju 2013 fejn il-Qorti irrilevat li l-partijiet ma kienux notifikati bl-appuntament tal-kawza u l-intimat ma kienx notifikat bl-atti ta' dan ir-rikors u ghalhekk ir-rikors gie differit ghan-notifika ghal nhar id-19 ta' Gunju 2013 fil-11.30 a.m.

Rat illi fid-19 ta' Gunju 21013 l-intimat Olaf Zahra kien ghadu mhux notifikat u ghalhekk ir-rikors rega' gie differit ghad-9 ta' Lulju 2013 fl-10.00 a.m.

Rat illi fis-seduta tad-9 ta' Lulju 2013 deher Dr. Noel Camilleri li ta ruhu notifikat ghas-socjeta' rikorrenti u talab li n-notifika ta' l-intimat Olaf Zahra ssir bil-purtier u l-Qorti laqghet it-talba u ddiferiet ir-rikors ghat-30 ta' Settembru 2013 fil-11.00 a.m. ghan-notifika.

Rat illi fit-30 ta’ Settembru 2013 kien deher Dr. Mark Attard Montaldo li ta ruhu notifikat bl-atti tar-rikors f’isem Olaf Zahra u l-istess avukat difensur informa lill-Qorti li kien gja pprezenta r-risposta tieghu. Rat li dakinhar stess Dr. Noel Camilleri ghas-socjeta’ rikorrenti ma deherx u r-rikors gie differit ghat-8 ta’ Ottubru 2013 ghall-provi tal-intimat Olaf Zahra nomine.

Rat dak li gie verbalizzat fit-8 ta’ Ottubru 2013 minn Dr Michael Cuschieri ghan-nom tas-socjeta’ rikorrenti fejn iddikjara li r-risposta li giet ipprezentata mir-ritrattant mhix guramentata kif inhu rikjest mil-ligi u ghaldaqstant talab li din ir-riposta tigi sfilzata, u l-Qorti tat zmien gimgha lill-intimat sabiex iwiegeb ghal dak li gie verbalizat minn Dr Michael Camilleri u r-rikors promotur rega’ gie differit ghat-23 ta’ Ottubru 2013 ghat-trattazzjoni.

Rat illi fis-seduta tat-23 ta’ Ottubru 2013 meta issejjah ir-rikors la deher l-intimat u lanqas l-avukat difensur tieghu u lanqas ma ppezentaw ir-risposta taghhom sabiex iwiegbu ghal dak li kien gie rilevat fis-seduta precedenti u cioe’ nhar it-8 ta’ Ottubru 2013. Rat li Dr Camilleri ghas-socjeta’ rikorrenti insista mal-Qorti sabiex tordna l-isfilz tar-risposta pprezentata mill-intimat nomine peress li din ma kinitx skond il-ligi u l-Qorti laqghet it-talba.
Rat dak li gie verbalizzat minn Dr Camilleri ghan-nom tas-socjeta’ rikorrenti u cioe’ sabiex ikun hemm l-allegazzzjoni ta’ l-atti tar-rikors numru 274/2012 li gie deciz minn din il-Qorti kif preseduta nhar il-5 ta’ Frar 2013 mal-atti odjerni. Rat li din il-Qorti laqghet it-talba u iddiferiet ir-rikors ghall-provi kollha tas-socjeta’ rikorrenti ghal nhar it-30 ta’ Ottubru 2013.

Rat illi fis-seduta tat-30 ta’ Ottubru 2013 deher biss Dr Michael Cuschieri ghas-socjeta’ rikorrenti. L-intimat u l-avukat difensur tieghu ma dehrux. Rat li Dr Cuschieri talab zmien sabiex jipprezenta nota ta’ sottomissjonijiet u l-Qorti laqghet it-talba u akkordatlu zmien sal-20 ta’ Novembru 2013 ghal dan l-iskop.

Rat illi fis-seduta tal-20 ta’ Novembru 2013 deher Dr Mark Attard Montaldo u informa lill-Qorti li kien bi hsiebu jipprezenta rikors ai termini tal-**Artiklu 695(1) tal-Kap 12**.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet ta’ Dr Cuschieri fejn fl-istess seduta ghadda kopja lill-kontro-parti wkoll.

Rat ir-rikors ta’ Dr Mark Attard Montaldoipprezentat nhar l-20 ta’ Novembru 2013 fejn talab li jirtira n-notifika li huwa rcieva ghan-nom tal-intimat u dan ghaliex stqarr li kien tilef kull kuntatt mal-istess intimat.

Rat ir-risposta ta’ Dr Michael Cuschieri fejn irregistra l-oggezzjoni tieghu sabiex Dr Attard Montaldo jirtira n-notifika li kien ha ghan-nom tal-intimat (fol. 34).

Rat id-digriet moghti minnha nhar il-11 ta’ Dicembru 2013 fejn din il-Qorti cahdet it-talba ta’ Dr. Mark Attard Montaldo sabiex jirtira n-notifika tieghu u ghalhekk ordnat il-prosegwiment tal-kawza.

Rat illi fis-seduta tal-15 ta’ Jannar 2014 deher Dr. Michael Cuschieri ghas- socjeta’ rikorrenti u Dr. Mark Attard Montaldo ghall-intimat ma deherx. Semghet lil Dr. Cuschieri jghid li m’ghandux provi ohra xi jressaq, li kien qed jirrimetti ruhu ghall-atti processwali u talab lil din il-Qorti tghaddi ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**

Illi f’dan ir-rikors is-socjeta’ rikorrenti qed titlob lil din l-Onorabbli Qorti thassar is-sentenza moghtija fl-ismijiet ‘**Olaf Zahra bhala mandatarju specjali tal-assenti minn Malta Stephanie Ceccato vs Minding International Ltd (C 28005)’** Rikors Numru 247/2012 deciza nhar il-5 ta’ Frar 2013 u tordna r-ritrattazzjoni tal-istess.

Is-socjeta’ rikorrenti ippremettiet li jezistu c-cirkostanzi kollha permessi mill-Ligi fl-Artikolu 811 (b) tal-Kap 12 u dan ghaliex il-parti telliefa, f’dan il-kaz is-socjeta’ rikorrenti, ma gietx notifikata bis-smiegh tal-kawza u

konsegwentement qatt ma dehret f'dik l-istess kawza gja deciza.

Skond is-socjeta' rikorrenti li mhux kontestat mill-intimat, mill-atti jirrizulta li is-socjeta' rikorrenti giet notifikata permezz tal-procedura tal-pubblikazzjoni u tal-affissjoni skond l-Artikolu 187(3) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi fil-fehma tas-socjeta' rikorrenti dan ma setghax isir u semmai n-notifika kelha issir skond is-sub inciz (4) tal-Artikolu 181 ghaliex is-socjeta' rikorrenti m'ghandhiex personalita' guridika distinta. Ittenni wkoll li tali notifika tista' issir biss skond is-sub artikolu (5) tal-istess Artikolu 181 "j*ekk jirrizulta li mill-inqas xi hadd mill-persuni imsemmija fl-Artikolu 181A (2) tal-Kap 12 jinsab hawn Malta*" (vide Artikolu 187(5)) u f'kaz li ma jirrizultax li l-persuni imsemmija fl-Artikolu 181A (2) ma jkunux jinsabu hawn Malta jew li dawk il-persuni ma jezistux, il-Qorti ghandha tahtar kuratur li jidher ghal dak il-korp skont ma hemm provdut fl-Artikolu 929(d).

Is-socjeta' rikorrenti ppremettiet fir-rikors promotur taghha li ma seta' qatt lill-Qorti jirrizultalha li xi hadd mill-persuni imsemmija fl-Artikolu 181A (2) tal-Kap 12 u cioe' (i) persuna jew persuni li jkollhom ir-rapprezentanza guridika ta' dak il-korp jew (ii) kull segretarju tal-kumpanija jew (iii) kull persuna ohra li tkun awtorizzata bil-miktub minn dak il-korp kien fil-fatt hawn Malta. Anzi issostni li kellu jirrizulta l-oppost u dan ghaliex minn ezami tal-ittri bonarji esebiti datati 16 ta' Dicembru 2011, 28 ta' Frar 2012 u l-11 ta' Mejju 2012 kienu mibghuta lis-socjeta' rikorrenti mhux biss fl-indirizz ta' l-ufficcju taghha izda wkoll f'indirizz gewwa Franza.

Illi l-intimat ma pprezenta l-ebda kontestatazzjoni dwar dak li allegat is-socjeta' rikorrenti f'dan ir-rikors pero' nonostante dan, din il-Qorti ezaminat l-atti processwali ta' dawk l-atti li gew allegati mal-atti tar-rikors odjern.

Bhala fatti jirrizultaw is-segwenti:

1. Olaf Zahra bhala mandatarju specjali tal-assenti minn Malta Stephanie Ceccato pprezenta Avviz nhar it-8

ta’ Awwissu 2012 fejn talab lil din il-Qorti kif preseduta sabiex tikkundanna lis-socjeta’ Minding International Ltd thallasha is-somma ta’ hamest elef, tmien mija u tnejn u ghoxrin ewro u hamsin centezmu (€5,822.50) rapprezentanti bilanc minn somma akbar.

2. Rat illi nhar it-22 ta’ Novembru 2012 Olaf Zahra nomine kien ipprezenta rikors fir-Registru ta’ din il-Qorti fejn talab jinnotifika lis-socjeta’ Minding International Ltd bil-procedura tal-pubblikazzjoni u affissjoni skond l-Artikolu 187 (3) tal-Kap 12 u l-Qorti laqghet din it-talba dakinhar stess tat-22 ta’ Novembru 2012 (fol. 17 tar-Rikors Numru 274/12 CSH).

3. Illi n-notifika in effetti saret nhar l-4 ta’ Dicembru 2012 meta thalliet kopja tar-rikors promotur fl-indirrizz tas-socjeta’ Minding International Ltd gewwa San Gwann, fl-Ghassa tal-Pulizija tal-lokal ta’ Rahal Gdid u fil-Kunsill Lokali tad-distrett. Apparti li saret pubblikazjoni fil-gazzetta tal-gvern datata l-4 ta’ Dicembru 2012 u fil-gazetta lokali The Malta Independent datat 25 ta’ Jannar 2013.

4. Illi s-socjeta’ Minding International Ltd baqghet ma pprezetnat l-ebda risposta u qatt ma dehret ghal xi udjenza u ghalhekk fil-kontumacja taghha din il-Qorti ghaddiet biex taghti sentenza.

5. Illi hija minn din l-istess sentenza li nghatat fil-5 ta’ Frar 2013 li s-socjeta’ rikorrenti qed titlob ir-ritrattazzjoni.

L-istitut ta’ ritrattazzjoni huwa regolat fit-Titolu IV tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili. Dan ir-rimedju, li gie dejjem rikonoxxut bhala wiehed ta’ natura straordinarja, jista’ jigi biss invokat biex tigi evitata ingustizzja cara u palezi u dejjem limitatament ghal xi wahda mir-ragunijiet imsemmija fl-Artikolu 811 tal-Kap 12, kif tassattivament jiddisponi l-Artikolu 813. Izda nkwantu dan ir-rimedju jammonta ghal deroga mill-principju *res judicata pro veritate habetur*, ghandu jinghata interpretazzjoni restrittiva.

Is-socjeta’ rikorrenti iccitat l-**Artikolu 811 (b) tal-Kap 12** bhala l-bazi li fuqha ibbazat it-talba taghha ghar-ritrazzjoni li jipprovdi s-segwenti:

*"Kawża deċiża b'sentenza mogħtija fi grad ta' appell jew mill-Qorti Ċivili, Prim Awla, fil-ġurisdizzjoni kostituzzjonali tagħha, tista', fuq talba ta' waħda mill-partijiet li jkollha interess, tiġi ritrattata, wara li qabel xejn tiġi mħassra dik is-sentenza, għal waħda minn dawn ir-raġunijiet li ġejjin:*

*Raġunijiet għar-ritrattazzjoni.*
*b) jekk ir-rikors ġuramentat ma jkunx ġie notifikat lill-parti telliefa, basta li din il-parti, għad li ma tkunx ġiet innotifikata, ma tkunx dehret fis-smigħ tal-kawża;*"

Illi ghalhekk jirrizulta li l-procedura tar-ritrattazzjoni ghandha zewg ghanijiet: fl-ewwel post, dik li thassar ghal kollox u mhux biss parzjalment (App Civ 5.6.1985 fil-kawza fl-ismijiet '**Kontrollur tad-Dwana vs Michael Zammit et'**) sentenza li tkun saret gudikat bejn il-partijiet u dan ghal xi wahda mir-ragunijiet specifici u tassattivi msemmija mil-ligi (App. Civ. 7.12.1936 fil-kawza fl-ismijiet '**Wismayer vs Wismayer et'** (Kollez Vol XXIX.i.795) (imsejha teknikament in rescindente); u fit-tieni post, dik li terga' tinstema' l-kawza li s-sentenza taghha tkun thassret u li tinghata sentenza ohra mill-gdid (imsejha teknikament in rescissorio)'.

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Superjuri fl-ismijiet '**Charles Michael Gauci vs Alfred Vella Noe'** moghtija fl-10 ta' Ottubru 2003 gie ritenut li:

*"Il-gurisprudenza taghna dejjem ghallmet li r-rimedju tar-ritrattazzjoni huwa wiehed straordinarju in kwantu jikkostitwixxi deroga ghall-principju fondamentali li lgudikat jikkostitwixxi l-ligi bejn il-kontendenti u dan indipendentement mill-fatt jekk dak il-gudikat jirrispekkjax kompletament il-verita` jew il-gustizzja. Ir-Rumani kienu jesprimu dan il-kuncett bil-massma* res iudicata pro veritate habetur. *Minn dan titnissel il-konsegwenza taghha li r-regoli li jirregolaw dan l-istitut tar-ritrattazzjoni huma ta' interpretazzjoni strettissima. Diversament, taht il-pretest tar-ritrattazzjoni l-litigant sokkombent ikun jista' jerga' jiftah il-kawza u b'hekk indirettament johloq ghalih tribunal tat-tielet istanza* ***li mhux permess mil-ligi.***

Illi a propositu jinghad ukoll li huwa principju ormai stabbilit li l-istitut tar-ritrattazzjoni huwa rimedju straordinarju u ghalekk ammess biss fil-kazi stabbiliti fil-ligi u dawn il-kazi huma tassattivi. Hekk fil-kawza fl-ismijiet **"Mildred Ferando vs Loris Bianchi pro et noe"** (A.C. - 12 ta' Mejju 2003) gie osservat li *"dan l-istitut huwa meqjus bhala rimedju straordinarju (Vol. XXV.i.371) governat minn regoli ta' interpretazzjoni strettissima (Vol. XXVII.i.818), 'non suscettibili di una estensiva ma della sola letterale' ('**Antonio Micallef vs Maria Dolores Vella et'**, Prim'Awla tal-Qorti Civili, 25 ta' Gunju, 1910)".*

Illi ulterjorment, fil-kawza fl-ismijiet **"Rev. Don Giuseppe Aquilina vs Francesco Aquilina"** (A.C. - 18 ta' April 1958 (Vol. XLII.i.227)) il-Qorti osservat ukoll li "ma *jistax jigi permess li, taht il-pretest tar-ritrattazzjoni, il-litigant sokkombent jerga' jiftah il-kawza u b'hekk (...) jigi ndirettament krejat tribunal tat-tielet istanza".* Illi dawn il-principji gew ikkonfermati u ri-affermati kostantament fil-gurisprudenza nostrali tant li fis-sentenza **"A vs B"** mill-Qorti tal-Appell tas-17 ta' Gunju 1997 (Vol. LXXXI. ii. 541) illi *"r-rimedju ta' ritrattazzjoni jibqa' wiehed straordinarju u l-kazijiet li fihom jista' jinghata kif ikkontemplat specifikatament mill-ligi ghandhom jigu interpretati ristrettivament".* (**"Av. Dott. P.M. Valletta LL.D. noe vs J. Tanti"** - A.K. 20 ta' Mejju 1994 - LXXVIII. ii. 84) **"Joseph Zammit vs Carmelo Dingli et"** (P.A. (RCP) – 24 ta' Jannar 2001); **"Mildred Frendo vs Loris Bianchi proprio et nomine"** (A.C. – 12 ta' Mejju 2003).

Illi fil-kawza **"Rev. Don Giuseppe Aquilina vs Francesco Aquilina"** (A.C. – 18 ta' April 1958 – Vol. XLII.i.227) kwotata wkoll fis-sentenzi **"Salvino u Mario ahwa Testaferatta Moroni Viani et vs David Vella nomine"** (A.C. – 24 ta' Settembru 2004) u **"Mario Gauci et vs Joseph Gauci"** (A.C. (RCP) – 30 ta' Ottubru 2008); **"Josephine Azzopardi vs Rose Cilia"** (A.I.C. – 29 ta' Jannar 2010) inghad li f'kawza ta' ritrattazzjoni wiehed ghandu dejjem:

*"izomm quddiem ghajnejh it-twissija li ghamlet (il-Qorti tal-Appell) (Vol. XXI.i.798) dwar l-indoli straordinarja ta' dan*

*ir-rimedju ta' ritrattazzjoni; lumeggat dan il-karattru straordinarju bl-istorja ta' dan l-istitut ampjament rikapitolati, anki b'referenza ghar-rapport tal-Kummissjonarji, fis-sentenza fil-Vol. VI p. 365, u li jgib bhala konsegwenza logika li rregoli li jiggovernaw dan listitut huma ta' interpretazzjoni strettissima (Vol. XXVII.i.818) [ ... ] ma jistax jigi permess li, taht il-pretest tar-ritrattazzioni, il-litigant sokkombent jerga' jiftah il-kawza u b'hekk, kif qalet is-sentenza fil-Vol.VI fuq citata, jigi ndirettament krejat tribunal tat-tielet istanza".*

Illi jinghad li s-socjeta' rikorrenti qed issostni li n-notifika li saret lilha ma kinitx wahda skond il-ligi u l-Qorti hawnhekk taghmel referenza ghas-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tas-7 ta' Lulju, 2003 fl-ismijiet '**<u>Said International Limited vs MAC Limited et</u>'** fejn inghad li:

"Huwa indiskuss illi n-notifika ta' atti gudizzjarji hi regolata bid-dispozizzjonijiet specifici fil-Kodici ta' Procedura (Kap.12) u li l-validita` taghha tista' biss tregi jekk jigi provat konkluzivament illi n-notifika saret skond kif fl-istess dispozizzjonijiet mahsub."

Dwar notifiki, l-Artikolu 187 (1) tal-Kap 12 jibda billi jghid:

"187. (1) In-notifika ssir bil-kunsinna ta' kopja ta' l-iskrittura lill-persuna li lilha l-iskrittura ghandha tkun innotifikata ... "

L-artikolu 187(4) tal-Kap 12 jitkellem dwar korpi, personalita` guridika distinta u jghid:

*"(4) Fil-kaz ta' korp li jkollu personalità guridika distinta, in-notifika lil dak il-korp ghandha ssir billi tithalla kopja ta' l-iskrittura:*
*(a) fl-ufficcju registrat, fl-ufficcju principali, tieghu jew fil-post tan-negozju jew fl-indirizz postali f'idejn xi hadd mill-persuni msemmija fis-**subartikolu (2) ta' l-artikolu 181A** jew f'idejn impjegat ta' dak il-korp; jew*
*(b) f'idejn xi hadd mill-persuni msemmija fl-**artikolu 181A(2**) bil-mod provdut fis-subartikolu (1)."*

Fis-**subartikolu 2 ta' l-Artikolu 181A** jissemmew il-persuni li jkollhom rapprezentanza guridika ta' korp, segretarju ta' kumpanija, persuna ohra awtorizzata bil-miktub biex tirrapprezenta atti gudizzjarji.

Dan kollu jwassal li notifika ssir bil-kunsinna ta' kopja ta' l-iskrittura lill-persuna li lilha l-iskrittura ghandha tkun innotifikata. Notifika ghandha ssir lil dik il-persuna u mhux persuna ohra ghall-validita` taghha. Korp li ghandu personalita` guridika distinta jigi notifikat fl-ufficcju registrat, ufficcju principali, post tan-negozju jew indirizz postali f'idejn il-persuni li jkollhom rapprezentanza guridika ta' korp, segretarju ta' kumpanija, persuna ohra awtorizzata bil-miktub biex tirrapprezenta atti gudizzjarji, jew f'idejn impjegat ta' dak il-korp.

Il-Qorti innotat li fl-ittri bonarji esebiti fl-atti tar-Rikors Numru 274/2012 mmarkati bhala Dok B, Dok C u Dok D a fol. 4 et seq hemm indikat li Olaf Zahra noe kien jaf li Daniela Bartoli impjegata tas-socjeta' Minding International Limited kienet tirrisjedi barra minn Malta u cioe' gewwa Parigi ghaliex kien hemmhekk fejn baghtet il-korrispondenza taghha. Jidher ghalhekk li fil-fehma tas-socjeta' Minding International Ltd stess li r-rapprezentant tas-socjeta' Minding International Ltd kienet tirrisjedi l-esteru u ghalhekk kien jispetta lill-istess Olaf Zahra nomine jaghmel talba sabiex jigu nominati kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti.

Illi in oltre l-Qorti hija llum rinfaccjata bil-gurament tas-socjeta' Minding International fejn stqarret li hija ma kinitx giet notifikata bir-rikors fl-ismijiet '**<u>Olaf Zahra noe vs Minding Inernational Ltd</u>'** deciz fil-5 ta' Frar 2013, liema gurament ma giex kontradett bi provi ohra mill-intimat odjern, li lanqas ittenta jzomm kuntatt mal-avukat difensur tieghu stess.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi s-sentenza moghtija minn din il-Qorti fil-5 ta' Frar 2013 fil-kawza "**<u>Olaf Zahra bhala mandatarju specjali tal-assenti minn Malta Stephanie Ceccato vs Minding</u>**

**Inernational Ltd [C28005]**", Rikors Numru 274/12 CSH ghandha tigi revokata.

**Konsegwentement, il-Qorti qieghda ghal dawn ir-ragunijiet tirrevoka u thassar is-sentenza moghtija minn din il-Qorti fil-kawza fil-5 ta' Frar 2013 fil-kawza "Olaf Zahra bhala mandatarju specjali tal-assenti minn Malta Stephanie Ceccato vs Minding Inernational Ltd [C28005]", Rikors Numru 274/12 CSH, u dan a tenur tal-Artikolu 811 subinciz (b), tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili. Konsegwentement il-Qorti tordna illi ssir notifika regolari lir-ritrattata socjeta' rikorrenti.**

**L-ispejjez ta' din il-procedura a karigu tal-intimat odjern.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------